MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Numru. 921/2006

PULIZIJA
SPETTUR MARIO TONNA
VS
JAMES ABELA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat James Abela, ta' 31 sena, bin John u Anna nee' Zammit, imwieled l-Awstralja nhar id-19 ta' Settembru 1974, u residenti Geranimu Flats, No 3, Triq ic-Cern, Bugibba, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 260992(M), u akkuzat talli gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun nhar id-29 t'Awissu 2006, ghal habta tad-disgha neqsin kwart ta' filghodu (8.45am):
(1) volontarjament ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PS 287 C.Cordina, u dan kif iccertifika Dr J. Joslin M.D. tal-Isptar San Luqa, u dan ai termini tal-Artiklu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) u aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti, u cioe' fuq il-persuni ta' PS 287 Carlos Cordina, PC 867 C. Camilleri, u PC 1195 C. Debatistaai, u dan ai termini tal-Artikli 92 u 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offizi fuq persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkun qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxu jew jbezzghu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz, u cioe' fuq il-persuni tal-istess ufficjali tal-Pulizija msemmija fl-akkuzi hawn fuq, u dan ai termini tal-Artikli 92 u 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) u aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebb ghall-istess ufficjal pubbliku msemmi sabiex jingurja jew jaghmel hsara lill-istess ufficjal pubbliku, u dan ai termini tal-Artiklu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(5) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija bhala awtorita' kienu ghamlu, u dan ai termini tal-Artiklu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(6) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, u dan ai termini tal-Artiklu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(7) akkuzat ukoll illi matul dawn l-ahhar xhur zamm fil-pussess tieghu munizzjon u cioe' bullet minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan ai termini tal-Artiklu 3 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(8) il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija ufficjali pubblici tal-Korp tal-Pulizija, u ta' persuni ohra msemmija, kif

jidhrilha xieraq skond l-Artiklu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba titratta mal-imputat, bhala li huwa recidiv ai termini tal-Artikli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie kkundannat li kkommetta diversi reati, liema sentenzi saru definittivi mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kif ukoll mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 17) u tal-imputat (a fol 20) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 24).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u s-seba' akkuza, b'assorbiment tar-raba', il-hames u s-sitt akkuza, u wara li rat l-Artikli 221, 92, 95, 96, 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artiklu 3 tal-Kap 480, tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal tmintax-il xahar. Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-eta' tal-imputat u l-ammissjoni bikrija tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------